MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 701/2000/1

**L-Onorevoli Mhallef Dottor Alberto J. Magri B.A. LL.D., Alessandro *sive* Sandro Magri u Renato Magri.**

**vs.**

**Mariella Borg Magri, legalment separata u divorzjata.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 t'April 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-istanti huma ko-proprjetarji *pro indiviso* flimkien mal-konvenuta ta' proprjeta' mobiljari u mmobiljari provenjenti lilhom mill-wirt tal-mejtin genituri taghhom, l-imhallef Edoardo Magri u Gladys nee' Muscat, li mietu

rispettivament fl-14 t'Ottubru 1998 u l-31 ta' Mejju 1998, skond ic-certifikati tal-mewt (Dok. “A” u “B”);

Illi l-propjeta’ immobiljari tikkonsisti *inter alia* fil-fond Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta’ Xbiex, filwaqt li l-effetti mobiljari jikkonsistu fl-ghamara, supellettili, pitturi, twapet, kotba, linef u *furnishings* u *fittings* li jinsabu fl-istess villa;

Illi kull wiehed mill-istanti bhala ko-proprjetarju ta’ l-imsemmija proprjeta' ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjeta' kif ukoll li din ma tinbieghx minghajr il-kunsens tieghu; jew tigi rimossa minn fejn tinsab abbuzivament mill-konvenuta;

Illi l-konvenuta qed tippretendi pussess esklussiv ta' din il-proprjeta' ad eskluzjoni tal-istanti, tant hu hekk li sakkret il-grada li taccedi ghall-*front garden* ta’ l-imsemmi fond b' katnazz b'mod li l-atturi m'ghandhomx access u *inoltre* issa qed ukoll tivvanta pretensjonijiet li hija proprjetarja unika ta’ l-imsemmija proprjeta' mmobiljari u ta’ l-effetti mobbli ta' go fiha, tant hu hekk li f’diversi okkazjonijiet ipprovat tbiegh l-imsemmija villa kif ukoll iddisponiet abbuzivament minn diversi oggetti mobbli ezistenti fil-villa msemmija u li l-istanti jgawdu sehem ta' proprjeta' fi proporzjon ta’ tliet kwarti ($^3/_4$) bejniethom;

Illi huma nterpellaw lill-konvenuta biex taghtihom access liberu ghall-villa msemmija u ddiffidawha milli tipprova tbiegh jew tiddisponi mill-proprjeta’ in komun izda dana inutilment;

Illi b’mandat ta’ inibizzjoni numru 1113/2000 degretat provizorjament fit-3 t’April 2000 minn din l-Onorabbli Qorti, il-konvenuta giet inibita provizorjament milli tkompli bl-agir abbuziv u llegali taghha li tiddisponi mill-effetti mobbli li jinsabu go l-imsemmija villa u b’mandat ta’ deskrizzjoni numru 1115/00 ta’ l-istess data, giet ordnata d-deskrizzjoni ta’ l-effetti mobbli ezistenti fl-imsemmija villa minn din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi jigi dikjarat u deciz illi: -

1. L-atturi huma ko-proprjetarji *pro indiviso* almenu ta' parti mill-proprjeta' mmobiljari konsistenti fil-Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex u ta' l-effetti mobbli kollha fuq imsemmija li jinsabu fl-imsemmi fond, u li konsegwentement kull wiehed minnhom ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjeta' sew immobiljari kif ukoll mobiljari;

2. M'ghandhiex ghalhekk il-konvenuta tigi kundannata, minn din l-Onorabbli Qorti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tikkonsenja lill-atturi kopja tac-cwievet u mfietah tal-fond fuq imsemmi b'mod li kull wiehed mill-atturi jkollu access liberu ghall-istess fond;

3. In difett li taghmel dan fiz-zmien lilha hekk prefiss, ghaliex l-atturi m'ghandhomx jigu awtorizzati li jiksbu huma stess access ghall-imsemmi fond, okkorrendo anke bi sgass, u dana a spejjez tal-konvenuta;

4. M'ghandhjiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija tikkonferma l-mandat ta' inibizzjojni numru 1113/00 u dak ta' deskrizzjoni numru 1115/00 fl-istess ismijiet tat-3 t'April 2000 u tinibixxi milli l-konvenuta tbiegh, tiddisponi minn, tittrasferixxi, jew tasporta jew tappropja ghaliha b'kull mezz u titolu l-effetti mobbli li jinsabu fl-imsemmi fond u kif deskritti bil-mandat ta` deskrizzjoni l-ispejjez kollha – komprizi dawk ta' zewg ittri ufficjali tas-27 ta' Mejju 1998, 16 ta' Novembru 1998, dik tal-25 ta' Gunju 1999 u tal-mandati ta' inibizzjoni u deskrizzjoni tat-3 t'April 2000 kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 39 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 27 t'April 2000 fejn talbu lill-Qorti sabiex tordna li tigi msakkra l-Villa permezz ta'

katnazz fil-grada ta’ barra sabiex jigu salvagwardjati l-effetti mobbli, u li jigi mahtur amministratur sabiex jiehu f’idejh l-istess mobbli *ai termini* ta’ l-**artikolu 494 tal-Kodici Civili**. In vista li l-atturi ghandhom tliet kwarti tal-proprjeta’ ta’ l-effetti talbu wkoll li bhala amministratur jinhatar Alessandro *sive* Sandro Magri bhala l-anzjan fost il-partijiet interessati.

Rat id-digriet sussegwenti tad-29 t’April fejn filwaqt li ordnat in-notifika ta’ l-istess rikors lill-kontro-parti, ordnat lir-rikorrenti biex jipprezentaw kopja legali ta’ l-atti kollha ndikati fl-istess rikors u rriservat li tipprovdi dwar ir-rikors definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tal-31 ta’ Mejju 2000 fejn il-kawza thalliet ghan-notifika tac-citazzjoni attrici u ghat-trattazzjoni tar-rikorsi ghall-20 ta’ Gunju 2000.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi tal-1 ta’ Gunju 2000 fejn talbu l-awtorizzazzjoni biex jinnotifikaw ic-citazzjoni lill-konvenuta wara l-hinijiet legali, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet fl-istess gurnata.

Rat ir-rikors iehor ta’ l-atturi tal-15 ta’ Mejju 2000 fejn b’referenza ghar-rikors precedenti tas-27 t’April 2000 fejn kien intalab li jinhatar amministratur ghall-effetti mobbli, filwaqt li nformaw lill-Qorti li wara li sar inventarju u l-bieb tal-villa gie maghluq b’serratura u katnazz li ttiehdu mill-Marixxall tal-Qorti, irrizulta li l-ghada stess il-konvenuta bidlet l-istess serratura u regghet b’hekk hadet access shih ghall-fond u l-effetti ta’ go fih, talbu li jinghata provvediment biex jigu salvagwardjati l-istess effetti.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Gunju 2000 fejn Dr. Frank Cassar ghall-konvenuta oppona ghat-talba fir-rikors tal-15 ta’ Mejju 2000 peress li allega li l-fond in kwistjoni jappartjeni esklussivament lill-konvenuta b’wirt minghand ommha, kif ukoll li m’hemmx il-htiega li jidhol sekwestratarju *stante* li l-atturi ghamlu mandat ta’ deskrizzjoni dwar l-oggetti mobbli.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mariella Borg Magri tal-4 ta’ Lulju 2000 a fol. 108 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi dwar l-ewwel talba ta’ l-atturi, l-eccipjenti taqbel li l-oggetti li jinsabu fil-fond Villino Ardenza, 20 Sir Augustus Bartolo Street, Ta’ Xbiex jifformaw parti mill-wirt komuni tal-genituri tal-kontendenti. L-eccipjenti tiddikjara li hija qatt ma ddisponiet minn oggetti tal-wirt komuni tal-genituri tal-kontendenti u hija disposta li ssir il-qasma ta’ l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fil-fond fuq imsemmi.

2. Illi l-azzjoni li kellha tigi promossa mill-atturi hija jew ghall-qasma tal-wirt jew ta' divizjoni tal-godiment, f’liema kaz il-Qorti tkun kostretta li tinvestiga jekk fil-kaz partikulari divizjoni ta' godiment hijiex konvenjenti u prattikabbli. Zgur li fir-rigward tal-mobbli, divizjoni ta' godiment m'hijiex konvenjenti u lanqas prattikabbli, kif lanqas m'hija prattikabbli t-tgawdija ta' l-oggetti mill-konsorti kollha fl-istess hin.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f`kull kaz rigward il-mobbli li jinsabu gewwa Villino Ardenza, 20, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex il-Qorti tista' tahtar sekwestratarju gudizzjarju sabiex jiehu l-kustodja ta' l-oggetti sakemm issir il-qasma ta' l-oggetti bejn il-werrieta u dan minghajr ma ccahhad it-tgawdija tal-fond fuq imsemmi lill-eccipjenti u minghajr ma taghti lill-atturi tgawdija ta' fond li m'ghandhom ebda titolu fuqu.

4. Illi dwar Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex din hija proprjeta’ esklussiva ta' l-eccipjenti skond it-testment tal-20 ta' Frar 1998 li ghamlet Gladys Magri u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Antoine Agius u ghalhekk l-atturi m'ghandhom ebda jedd ta' tgawdija fuq din il-propjreta’. Hemm qbil li matul iz-zwieg tal-genituri tal-kontendenti, giet akkwistata porzjon art (tal-kejl ta' 52 qasab kwadri) li hija retroposta ghal Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex. *Se mai* l-atturi ghandhom (flimkien ma' l-eccipjenti) il-jedd ta' tgawdija ta' din il-porzjon *pro indiviso* **biss** u mhux ta' Villino Ardenza, 20 Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex.

Fil-fatt din il-porzjon art ghandha mezz ta' access iehor. Ghalhekk it-tieni u t-tielet talba ta' l-atturi huma nsostenibbli.

5. Illi r-raba' talba in kwantu tirreferi ghall-mandat ta' inibizzjoni numru 1113/00 diga' hija l-meritu tal-kawza fl-ismijiet **"L-Onorevoli Mhallef Alberto Magri LL.D et vs Mariella Borg Magri"** (Cit. Nru: 700/00 RCP). F'kull kaz din it-talba m'hijiex ammissibbli skond il-ligi peress li ma jistax jintalab il-hrug ta' mandat indefinit.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 110 sa 112 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** datata 4 ta' Lulju 2000 fejn hija pprevalixxiet ruhha minn din in-nota ta' l-eccezzjonijiet sabiex tressaq talba rikonvenzjonali fil-konfront ta' l-atturi.

Illi l-kontendenti huma wlied l-Imhallef Edoardo Magri li miet fl-14 ta' Ottubru 1998 u Galdys Magri li mietet fil-31 ta' Mejju 1998;

Illi permezz ta' testment li sar fl-20 ta' Frar 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, il-mejta Gladys Magri halliet b'titolu ta' prelegat lill-konvenuta l-fond Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex u d-deheb u l-oggetti prezzjuzi kollha li jintlibsu min-nisa u li skond l-istess testment jinsabu fil-pussess ta' l-atturi;

Illi l-konvenuta, minkejja li nterpellat lill-atturi, ghadha sal-gurnata tal-lum ma gietx immessa fil-pussess ta' l-oggetti fuq imsemmija;

Illi l-istess konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi din il-Qorti:-

1. Tordna li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija lill-konvenuta skond ir-Raba' Artikolu tat-testment

li ghamlet il-mejta Gladys Magri fl-20 ta’ Frar 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius;

2. Tordna lill-atturi sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti huma jikkonsenjaw lill-konvenuta *“id-deheb u oggetti prezjusi kollha li ghandha t-testatrici li jintlibes minn nisa”* skond ir-Raba' Artikolu tat-testment li ghamlet il-mejta Gladys Magri fl-20 ta' Frar 1998 fl-atti tan-nutar Dottor Antoine Agius;

3. Tordna li f’kaz li l-atturi ma jottemperawx ruhhom mat-tieni talba, jinhareg *mandat in factum* fil-konfront ta' l-atturi;

4. Tahtar nutar pubbliku ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv u kuraturi ghall-eventwali kontumaci u tiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess att.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni u b’rizerva ghal kull azzjoni ta’ danni spettanti lill-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 114 sa 116 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Lulju 2000 fejn il-partijiet kellhom jippruvaw jittransigu din il-kawza.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-atturi rikonvenzjonati datata 13 ta’ Lulju 2000 ghall-kontro-talba tal-konvenuta fejn gie eccepit:-

1. *In linea* preliminari n-nullita' u l-irritwalita' tal-kontro-talba, billi din ma hi bl-ebda mod konnessa guridikament mat-talbiet attrici u allura jmissha saret b'citazzjoni *ad hoc* ghax ma tinkwadrax ruhha taht il-parametri tad-dispozizzjoni tal-ligi li tippermetti li ssir kontro-talba.

2. Illi subordinatament u fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, peress li parti mill-Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta’ Xbiex, gejja mill-wirt tal-mejjet Onor. Imhallef Edoardo Magri li miet intestat, din

il-villa hija indiviza u l-atturi ghandhom kwota indiviza minnha u ghalhekk qabel ma ssir id-divizjoni, l-ewwel talba tal-konvenuta ma tistax tigi milqugha.

3. Illi ghar-rigward tal-gojjelli u oggetti prezzjuzi, parti minnhom jinsabu go l-istess dar Villino Ardenza li l-konvenuta ghandha gja' l-pussess taghha u l-parti l-ohra – u cjoe' dawk li l-konvenuta qed tallega li jinsabu fil-pussess tal-atturi – kienu gew depozitati minn missier il-kontendenti, l-Onor Imhallef Edoardo Magri – f'hajtu go *safe deposit box* go bank lokali flimkien mac-cwievet tas-*safe* li hemm god-dar, u ghalhekk biex dawn jigu rtirati jridu jsiru l-formalitajiet kollha rikjesti mill-bank anke bil-partecipazzjoni ta' l-istess konvenuta u ma jiddependix biss mill-eccipjenti.

4. Illi kjarament it-talbiet tal-konvenuta ma setghux jigu proposti qabel ma tintalab id-divizjoni tal-assi ereditarju intier tal-genituri tal-kontendenti, haga li l-konvenuta ma ghamlitx u ghalhekk ukoll il-kontro-talba hija irritwali.

5. Illi f'kull kaz it-tielet talba tal-konvenuta ghall-hrug ta' mandat *in factum* m'ghandhiex tigi milqugha ghax ma jezistux l-estremi tal-ligi biex dan jigi hekk mahrug. F'kull kaz dan jista' jinhareg biss wara li s-sentenza fuq it-talbiet l-ohra tkun gja ghaddiet in gudikat u l-konvenuta tipprova li jezistu l-estremi tal-ligi ghall-hrug ta' tali mandat ghax dik is-sentenza ma tkunx giet esegwita tort tal-eccipjenti.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi rikonvenzjonati a fol. 120 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta' Lulju 2000; ta' l-14 ta' Lulju 2000 fejn il-konvenuta ddikjarat li l-oggetti elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni qeghdin u baqghu fil-fond indikat fic-citazzjoni mentri l-atturi ddikjaraw li r-rikors ghall-hatra ta' amministraturi huma limitati biss ghall-oggetti elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni 1115/2000MM. Il-konvenuta ddikjarat li ma topponix ghat-talbiet fir-rikors b'dan li l-istess oggetti jinhargu mill-fond indikat u jinzammu fil-

pussess ta' l-eventwali amministraturi a spejjez ta' l-istess atturi. Min-naha taghhom l-atturi ddikjaraw li l-fond fejn jinsabu l-oggetti huwa propjreta’ in komun kif jirrizulta mill-atti tal-kawza u li n-nomina ta' l-amministratur kien necessitat mill-agir illegali u abbusiv tal-konvenuta u ghalhekk l-ispejjez tal-konsenjatarju ghandhom ikunu a karigu taghha stess, apparti li minkejja li l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Deskrizzjoni l-konvenuta regghet hadet il-pussess tal-fond u l-oggetti mmobbli minghajr l-awtorizzazjoni tal-Qorti. Illi l-konvenuta ma qablitx ma’ dan u ddikjarat li ma hija ser tbiegh l-ebda oggett mobbli li jinsab fid-dar pendenti dawn il-proceduri u li c-cwievet tal-fond in kwistjoni qeghdin fil-kustodja tal-Qorti. Illi ghalhekk a bazi ta' dan l-atturi talbu li jigi verifikat mill-istess Marixall li esegwixxa l-mandat ta' deskrizzjoni sabiex jivverifika jekk l-access ghall-istess dar baqax bil-mod kif hallieh hu dakinhar. Illi b'digriet tal-Qorti ta' dakinhar il-Qorti ordnat lill-Marixxal Michael Micallef biex fi zmien sebat ijiem mill-istess data jivverifika jekk fejn sakkar hu meta esegwixxa l-istess mandat ghadux maghluq u ntatt, u jirrapporta direttament lill-istess Qorti permezz ta' rapport minnu guramentat fir-registru tal-Qorti b'kopja liz-zewg partijiet, u halliet ir-rikorsi biex jigu decizi kameralment.

Rat ir-rapport tal-Marixxal Michael Micallef datat 7 ta' Awissu 2000 fejn sostna li fil-post ma setax jidhol fl-istess data peress li:-

*“1. il-katnazz mal-kancell ta' barra li kien ghamel hu stess gdid, ic-cavetta tieghu dahlet imma daret biss nofs qisu kien hemm xi zokk fiha.*

*2. sab katina hoxna ohra u katnazz iehor zejjed li ma kellux cavetta tieghu u ghalhekk ma setax ikompli biex jara l-bieb l-iehor, il-main door. Dan kollu gara quddiem l-assistent tieghu Joseph Debattista li kien mieghu anke meta ghamel l-isgass flimkien ma’ l-assistent l-iehor il-Marixxal Albert Scicluna.”*

Rat id-digriet kamerali tat-28 t'Awissu 2000 ghar-rikorsi tas-27 t'April 2000 u tal-15 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti kkunsidrat:-

*"Illi mill-verbal tal-14 ta' Lulju 2000 jirrizulta li l-atturi ddikjaraw li l-hatra ta' l-amministraturi hija limitata biss ghall-oggetti ndikati fil-mandat ta' deskrizzjoni 1115/2000 mentri l-konvenuta sostniet li ma topponix ghat-talba fl-istess rikors anke li l-istess oggetti jinhargu mill-fond indikat pero' a spejjez ta' l-istess atturi.*

*Illi ghalhekk il-Qorti, thoss li fic-cirkostanzi prezenti tal-kaz huwa fl-ahjar interess tal-ko-propjetarji kollha ta' l-istess effetti mobbli in kwistjoni illi ai termini ta' l-* ***artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*** *hija tahtar bhala amministratur tal-beni mobbli kollha deskritti fil-mandat ta' Deskrizzjoni numru 1115/2000, lil Alessandro sive Sandro Magri b'dan li l-istess effetti mobbli ghandhom jinhargu minnu fil-prezenza tal-partijiet kollha fil-kawza mill-fond indikat fic-citazzjoni u jinzammu ghandu pendenti dawn il-proceduri a spejjez provizorji ta' l-istess partijiet fil-kawza fil-kwota ta' kwart kull wiehed. B'dan ukoll li din il-konsenja ta' l-istess oggetti lill-konsenjatarju ghandha ssir fi zmien hmistax-il gurnata mil-lum, u cjoe' fil-11 ta' Settembru, 2000, fil-10:00 a.m. fil-prezenza tal-Marixxal Michael Micallef li ghandu jnehhi l-katnazzi kollha li prezentament jinsabu jaghlqu l-access tal-fond Villino Ardenza', 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex u fil-prezenza tal-partijiet jaghti konsenja ta' l-istess oggetti lill-konsenjatarju hawn appuntat li ghandu jiffirma ricevuta ta' l-istess oggetti u jaghti kopja ta' l-istess lill-partijiet.*

*Illi jidher li hlief dak li ser jinghad aktar 'l isfel, ir-rikors ta' l-atturi huwa limitat sabiex jigu salvagwardjati l-effetti mobbli ndikati fic-citazzjoni u peress li l-lista taghhom a skop ta' dawn ir-rikorsi giet limitata bil-verbal premess ta' l-atturi ghall-istess effetti mobbli ndikati fil-mandat ta' deskrizzjoni u elenkati fl-istess mandat (a fol. 1 sa 23 ta' l-istess) ghalhekk in vista ta' dan id-digriet, il-mertu tar-*

*rikors jidher li huwa ghalhekk ezawrit hlief ghall-kwistjoni dwar it-talba ta' l-urgenza.*

*Illi a rigward ta' din l-istess talba sabiex din il-kawza tigi mismugha b'urgenza l-Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi tal-kaz din it-talba ghandha tigi michuda.*

*Illi l-Qorti tordna li kopja tal-istess Digriet jigi notifikat mid-Direttur Generali tal-Qorti lill-partijiet fil-kawza fl-indirizzi ndikati fic-citazzjoni attrici.*

*Spejjez ta' dan id-digriet jibqghu riservati ghad-decizjoni finali dwar il-mertu tal-kawza."*

Rat ir-rikors ta' l-atturi ta' l-1 ta' Settembru 2000 a fol 140 tal-process fejn talbu li a *tenur* ta' l-**artikolu 229 (4) u (5) tal-Kap 12** din il-Qorti terga' tikkonsidra dik il-parti tad-Digriet taghha tat-28 ta' Awissu 2000, fil-parti tieghu fejn gie ordnat li l-effetti mobbli jinhargu mill-fond fejn attwalment jinsabu, u minflok tordna li dawn l-oggetti jibqghu fl-istess post taht il-kura, kustodja u responsabbilta' ta' l-amministratur mahtur minn din il-Qorti, li bl-assistenza tal-Marixxall Michael Micallef ikunu jistghu jiehdu l-mizuri kollha adegwati ghas-sigurezza ta' l-istess oggetti u taht kull provvediment iehor xieraq li din il-Qorti thoss li ghandha tordna.

Rat id-digriet tal-Qorti ta' 1-14 ta' Settembru 2000 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta u rriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-5 ta' Settembru 2000 a fol. 144 tal-process, u d-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Settembru 2000 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-5 ta' Settembru 2000 a fol. 147 tal-process fejn talbet li dan ir-rikors jigi trattat bl-urgenza u fit-tieni lok li jigi revokat *contrario imperio* d-Digriet ta' din il-Qorti datat 28 ta' Awissu 2000, in kwantu gie nkarigat Alessandro *sive* Sandro

Magri bhala amministratur, *stante* li skond l-istess konvenuta tali mobbli ma ghandhomx ikunu fil-pussess ta' wiehed mir-rikorrenti.

Rat il-verbali ta' l-20 ta' Settembru 2000 fejn id-difensuri trattaw ir-rikorsi rispettivi. Dr Frank Cassar iddikjara li prezenta risposta ghar-rikors ta' l-atturi u rrimetta ruhu ghall-istess. Il-partijiet qablu li l-istess rikorsi jmorru ghal digriet finali ghat-3 ta' Ottubru 2000; tat-3 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-24 ta' Ottubru 2000 peress li kellha bzonn aktar zmien biex taghti d-digriet finali; ta’ l-24 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti ddifferiet l-istess rikorsi ghad-digriet finali ghas-16 ta' Novembru 2000.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tat-3 ta' Novembru 2000, fejn opponiet ghat-talbiet tal-atturi fir-rikors taghhom tal-1 ta' Settembru 2000.

Rat id-digriet kamerali sussegwenti datat 16 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti ikkonsidrat:-

*“Illi sfortunatament jinghad li din il-Qorti, ghalkemm stenniet lill-partijiet sabiex jaslu ghal xi forma ta' ftehim bonarju dwar il-kustodja ta’ l-istess oggetti mobbli, fil-mori tar-rikorsi li llum qed jigu ikkunsidrati, dan kien kollu ghal xejn, peress li jidher li l-partijiet qed ikomplu jzommu sod mat-tezi u l-pretensjonijiet rispettivi taghhom.*

*Illi ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda alternattiva hlief li tikkonsidra r-rikorsi rispettivi tal-partijiet, fejn kull naha qed titlob, kif fuq indikat, li d-Digriet ta' din il-Qorti jigi varjat f`partijiet minnu contrario imperio.*

Illi fl-ewwel lok jinghad li jidher li r-rikors originali sar *ai termini* ta’ l-**artikolu 494 (1) tal-Kap 16** li jipprovdi li *"fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji, il-Qorti taghti l-provvedimenti mehtiega sabiex tigi amministrata u gawduta ahjar il-haga in komun, u tista' tahtar amministratur, ukoll minn fost il-komproprjetarji nfishom.”*

Illi skond l-**artikolu 494 (2)** jinghad li l-Qorti *"tilqa' l-fehma tal-maggoranza, billi tiehu b'qies il-ghadd tal-kompropretarji, izda kemm-il darba dawk li ma jkunux jaqblu ma jurux li b'hekk ibaghtu hsara."*

*Illi jidher car li r-rikors promotorju ta' l-atturi tas-27 ta' April 2000, kien immirat biss sabiex l-istess oggetti mobbli jigu salvagwardati, u mhux sabiex kull ko-proprjetarju jaghmel uzu mill-istess oggetti, u dan anke ghaliex huwa mpossibbli li jsir dan, dment li ma hemm qbil ta' xejn bejn il-partijiet fejn ghandhom jinzammu tali oggetti mobbli.*

*Illi ghalhekk b'digriet Taghha tat-28 ta' Awissu 2000, din il-Qorti hatret lil Alessandro sive Sandro Magri bhala amministratur ta' l-istess mobbli, b'dan li l-istess effetti mobbli jinhargu mill-fond indikat fic-citazzjoni, u jinzammu ghandu pendenti l-ezitu ta' din il-kawza, liema oggetti jinhargu mill-istess fil-prezenza tal-partijiet kollha, u tal-Marixxall Michael Micallef, li ghandu jnehhi l-katnazzi kollha li jaghlqu l-access tal-fond de quo, u l-istess konsenjatarju ghandu jghaddi ricevuta ta' l-istess oggetti lill-istess Marixxall u l-partijiet fil-kawza.*

*Illi fir-rikors ta' l-atturi tal-1 ta' Settembru 2000, talbu li dan id-Digriet jigi varjat fis-sens li l-oggetti mobbli ghandhom jibqghu fejn jinsabu llum go Villino Ardenza, anke ghaliex l-istess konsenjatarju minnhom suggerit, u minn din il-Qorti appuntat, ma ghandux fejn izomm l-istess affarijiet, u dan apparti l-ispejjez necessarjament involuti sabiex ikun hemm traslok ta' l-istess affarijiet.*

*Illi din il-Qorti tistqarr li kienet sorpriza bid-dikjarazzjoni li l-istess konsenjatarju ma kellux fejn izomm l-istess oggetti, ghaliex dan qatt ma gie ndikat lill-Qorti qabel l-istess Digriet taghha, pero' jekk dan huwa l-kaz, il-Qorti xorta thoss, li l-istess oggetti ma ghandhomx jibqghu fil-post fejn jinsabu, ghaliex altrimenti dan ikun jista' jfisser li l-konvenuta tigi wkoll imfixkla milli*

*taghmel uzu ta' l-istess immobbli, liema mmobbli ma humiex mertu ta' dawn ir-rikorsi.*

*Illi ghalhekk ir-rikors ta' l-atturi qed jigi michud.*

*Illi kwantu ghar-rikors tal-konvenuta, l-oggezzjoni taghha ghad-Digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Awissu 2000, hija fis-sens, li l-konsenjatarju nominat mill-Qorti ma huwiex indipendenti; li l-oggetti ma humiex deskritti bi preciz fil-Mandat ta' Deskrizzjoni; ma giex indikat fejn ser jinzammu l-oggetti; u li hija ghandha dritt ta' tgawdija ta' l-istess oggetti, u ghalhekk talbet li l-istess amministratur Alessandro sive Sandro Magri jigi sostwit b'persuna ndipendenti.*

*Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-konvenuta, rigwardanti r-ragunijiet minnha migjuba sabiex l-istess konsenjatarju nominat bl-istess Digriet jigi sostitwit, ghaliex din il-Qorti ghandha l-fakolta' skond l-**artikolu 494** li tinnomina bhala amministratur anke wiehed mill-ko-proprjetarji, u f'dan l-aspett il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-maggoranza, jekk ma ssirx hsara lill-konvenuta, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali hsara ma kenitx ser issir.*

*Illi kwantu ghall-lamentali l-ohra, ma kien hemm xejn li jzomm lil wiehed mill-partijiet li jitlob li waqt li tkun qed issir il-konsenja, issir deskrizzjoni aktar dettaljata ta' l-istess oggetti, u li jintalab li jittiehdu ritratti ta' l-istess oggetti.*

*Illi pero' filwaqt li din il-Qorti hija konxja ta` dan kollu ma tistax tinjora l-fatt, li l-istess atturi, issottomettew li l-istess konsenjatarju nnominat minn din il-Qorti ma ghandux post adegwat fejn izomm l-istess oggetti, u ghalhekk minhabba dan biss, din il-Qorti thoss li xorta ghandha (u fil-fatt hija kostretta) li tvarja d-Digriet taghha tat-28 ta' Awissu 2000 contrario imperio, b'dan li tissostitwixxi lill-istess Alessandro sive Sandro Magri bil-persuna ta' Albert Falzon Santucci ta' 33, Sir Arturo Mercieca Street, Sliema bhala konsenjatarju, u ghalhekk in vista tal-premess tilqa' f'dan is-sens it-*

*talba tal-konvenuta fir-rikors taghha tal-5 ta' Awissu 2000, bil-mod kif ser jigi aktar 'l isfel indikat.*

*Illi ghalhekk gie degretat illi filwaqt li l-Qorti cahdet it-talba ta' l-atturi kontenuta fir-rikors taghhom tal-1 ta' Settembru 2000,* ***laqghet it-talba tal-konvenuta*** *kontenuta fir-rikors taghha tal-5 ta' Settembru 2000, u ghalhekk* ***irrevokat*** *contrario imperio d-Digriet ta' din il-Qorti datat 28 ta' Awissu 2000 b'dan illi:-*

*(1) Issostitwiet lill-konsenjatarju hemm nominat, Alessandro sive Sandro Magri bil-persuna ta' Albert Falzon Santucci ta' 33, Sir Arturo Mercieca Street, Sliema, u ghalhekk innominat lill-istess Albert Falzon Santucci bhala amministratur tal-beni mobbli kollha deskritti fil-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 1115/2000/MM fl-ismijiet premessi.*

*(2) Ordnat li l-istess effetti mobbli ghandhom jinhargu mill-istess konsenjatarju mill-fond indikat fic-citazzjoni attrici, Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Street, Ta' Xbiex, fil-prezenza tal-partijiet kollha fil-kawza, wara li l-istess konsenjatarju jiehu ritratti tal-istess mobbli, u dan ghandu jsir nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru 2000 fid-9:30 a.m. fil-prezenza wkoll tal-Marixxall Michael Micallef, li ghandu jaghmel dak kollu necessarju sabiex inehhi l-katnazzi kollha li prezentement jinsabu jaghlqu l-access tal-fond "Villino Ardenza", 20, Sir Augustus Street, Ta' Xbiex, li ghandu jaghti konsenja ta' l-istess oggetti mobbli lill-istess konsenjatarju hawn appuntat, li min-naha tieghu ghandu jaghmel deskrizzjoni u nventarju ta' l-istess oggetti, u jghaddi kopja tal-istess u d-debita ricevuta lill-Marixxall indikat, u lil kull parti fil-kawza, u jesebixxi kopja ta' l-istess inventarju, deskrizzjoni u ricevuta fl-atti ta' dawn il-proceduri, mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem mid-data li jiehu konsenja ta' l-istess mobbli.*

*(3) Illi l-istess oggetti ghandhom jinzammu pendenti l-proceduri odjerni ghand l-istess konsenjatarju fil-fond 33, Sir Arturo Mercieca Street, Sliema, u dan a*

*spejjez provizorji ta' l-istess partijiet fil-kawza, fil-kwota ta' kwart ($^{1}/_{4}$) kull wiehed."*

Il-Qorti ordnat li kopja ta' dan id-Digriet tigi mmedjatament notifikata mid-Direttur Generali tal-Qorti lill-partijiet fil-kawza ndikati fic-citazzjoni attrici, lill-Marixxall Michael Micallef, u lil Albert Falzon Santucci.

Illi spejjez ta' dan id-Digriet gie deciz li ghandhom jibqghu riservati ghad-decizjoni finali dwar il-mertu tal-kawza.

Rat in-nota tal-Marixxall tal-Qorti Michael Micallef datata 20 ta' Dicembru 2000 fejn biha nforma lill-Qorti li dakinhar peress li fl-14 ta' Dicembru 2000 beda l-gurnata tieghu b'esekuzzjoni ta' mandat ta' deskrizzjoni li hadlu hin aktar milli previst, huwa ma setax jattendi f'Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Street, Ta' Xbiex kif ordnat, u ghaldaqstant talab li jkun skuzat ghal xi nkonvenjent li seta' kkawza.

Rat in-nota tal-konsenjatarju Albert Falzon Santucci fejn spjega l-fatti kif graw fl-14 ta' Dicembru 2000 fejn attenda biex jesegwixxi l-ordni tal-Qorti.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Novembru 2000, tal-15 ta' Mejju 2001 u tat-12 ta' Lulju 2001 fejn Dr. Leslie Cuschieri ghall-konvenuta esebixxa nota b'kopja awtentika ta` *site plan* mahruga mill-Planning Authority taz-zona li fiha tinsab Villa Ardenza u qed tigi mmarkata "MBM" (fol. 182 tal-process).

Rat ir-rikors ta` Mariella Borg Magri tat-13 ta' Novembru 2001 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirtira l-inkarigu moghti lil Albert Falzon Santucci ta` amministratur tal-beni deskritti fil-Mandat ta` Deskrizzjoni 1115/00 MM, li tordna lill-istess Albert Falzon Santucci jirritorna c-cwievet ta` Villino Ardenza lil din l-Onorabbli Qorti, u li tawtorizza lir-rikorrenti Mariella Borg Magri tirtira c-cwievet mill-kustodja tal-Qorti.

Rat ir-risposta ta' l-atturi ghar-rikors tal-konvenuta tat-13 ta` Novembru 2001 fejn in effetti jinghad li jidher car li l-fatti premessi fir-rikors mhumiex minnhom, ghad fadal

x`jinbiegh minn Santucci skond il-ftehim fuq imsemmi, u ghad fadal hafna oggetti fil-villa u ghalhekk mhux il-kaz li c-cavetta tghaddi f`idejn ir-rikorrenti qabel ma jsir dak kollu li gie miftiehem bejn il-partijiet kollha. Dan apparti kif gja' ntqal il-meritu tar-rikors jezorbita mill-meritu tal-kawza u ghalhekk il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu f`kull kaz.

Rat il-lista dettaljata ta` oggetti jew li ma nbieghux jew ma setghux jinhargu mill-villa Dok. “X” u kopji ta’ l-ittri tat-18 ta` April 2001 u risposta tal-konvenuta tas-26 t` April 2001 (Dok “Y” u “Z”) u l-ftehim addizzjonali Dok “W” (a fol. 188 sa 214 tal-process) milhuq bejn il-partijiet dwar il-mobbli datat 10 ta’ Lulju 2001, fejn issir referenza ghall-ewwel ftehim datat 15 ta’ Frar 2001, dwar l-istess mobbli bejn il-partijiet kollha fil-kawza.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-16 ta` Novembru 2001 fejn iddegretat illi in kwantu l-istess rikors gie prezentat fl-atti tar-rikors ghall-permess ghall-appell skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 229(3)**, liema rikors gie prezentat mill-atturi fil-21 ta’ Novembru 2000, il-Qorti tichad it-talba *stante* li l-istess rikors gie definittivament degretat fl-14 ta’ Novembru 2001.

Rat il-verbali tat-22 ta’ Novembru 2001; ta’ l-10 ta’ Jannar 2002; tas-7 ta’ Frar 2002; u tas-7 ta’ Marzu 2002 fejn saru diversi differimenti sabiex l-istess partijiet jesegwixxu l-ftehim ta’ bejniethom dwar il-mobbli formanti l-mertu ta’ kawza ohra bejn il-partijiet u ghall-probabli tranzazzjoni.

Rat in-nota ta’ l-atturi datata 20 ta’ Marzu 2002 fejn kif mitlub informaw lill-Qorti x’baqa’ xi jsir fil-kawza li fuqu ghad m’hemmx qbil.

Rat ukoll in-nota responsiva tal-konvenuta datata 26 t’April 2002.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet u finali trattazzjoni.

Rat r-rikors tal-konvenuta datat 21 ta' Mejju 2002 fejn il-konvenuta sostniet illi l-iskop li ghalih is-Sur Albert Falzon Santucci gie nominat amministratur issa gie ezawrit *stante* li l-beni nqasmu, nbieghu, inhargu minn "Villino Ardenza", u huma regolati bi ftehim bonarju, u ghalhekk ma ghadx hemm skop li c-cwievet ta' dan il-fond jinzammu mill-imsemmi amministratur. Illi hija b'hekk talbet lil din il-Qorti biex tirrevoka l-inkarigu moghti lil Albert Falzon Santucci bhala amministratur tal-beni deskritti fil-Mandat ta' Deskrizzjoni 1115/00MM; tordnalu li jirritorna c-cwievet ta' "Villino Ardenza"; u tawtorizza lill-istess konvenuta biex tirtira c-cwievet mill-kustodja tal-Qorti.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-13 ta’ Gunju 2002 fejn ordnat lir-rikorrenti tindika b’nota l-lista ta’ oggetti mobbli li ghad hemm fl-istess fond, bin-notifika lill-kontro-parti li ghandhom jipprezentaw nota fejn jindikaw fejn ma jaqblux u jelenkaw l-oggetti mobbli li ghadhom jinsabu fl-istess fond.

Rat in-nota ta’ l-attrici ta’ l-4 ta’ Lulju 2002.

Rat id-digriet tas-17 ta’ Lulju 2002 fejn il-Qorti ordnat lis-Sur Albert Santucci sabiex jindika permezz ta’ nota l-oggetti li ghad fadal fil-Villa Ardenza.

Rat ir-risposta ta’ l-atturi datata 11 ta' Gunju 2002 fejn opponew ghat-talba tal-konvenuta fir-rikors taghha tal-21 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 4 ta' Lulju 2002.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti datat 17 ta' Lulju 2002.

Rat in-nota ta’ l-atturi datata 19 ta' Lulju 2002 b'risposta ghan-nota tal-konvenuta premessa.

Rat in-nota ta’ l-amministratur Albert Falzon Santucci fejn ipprezenta l-elenku ta’ l-oggetti li kienu ghadhom fil-pussess tieghu u kienu ghadhom ma nbieghux, tali nota u lista datati 22 ta' Awissu 2002.

Rat il-verbal ta’ l-10 t’Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b’dan li l-atturi ghandhom jindikaw liema parti ta’ l-immobbli huma jippossjedu *pro indiviso* mal-konvenuta u l-kwoti rispettivi.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-15 t’April 2003 li biha esebiet l-affidavit taghha, zewg pjanti u testment kollox minn fol. 372 sa fol. 379 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-atturi datata 22 t’April 2003 li permezz taghha pprezentaw affidavit ta’ l-Onor. Imhallef Albert J. Magri.

Rat il-verbal tat-30 t’April 2003 fejn id-difensuri filwaqt li qablu li l-provi migbura fil-kawza Cit. Nru. 700/00 RCP jghoddu wkoll bhala provi f’din il-kawza, iddikjaraw li m’ghandhomx provi izjed u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghas-26 ta’ Gunju 2003 bil-fakolta’ lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta’ Mejju 2003 fejn ikkonsidrat:-

*“Illi mill-atti processwali ta' din il-kawza u tal-kawza l-ohra fl-ismijiet* ***“L-Onorevoli Mhallef Alberto Magri et vs Benny's Antiques Limited”*** *(Cit. Nru 700/00/RCP), li kienet differita ghall-istess gurnata dwar il-kap ta’ l-ispejjez, fejn irrizulta li l-pendenzi dwar il-mobbli fl-istess imsemmija kawza gew tranzatti. Fil-fatt b'verbal fil-kawza hawn indikata datat 10 ta' Ottubru 2002 l-atturi rrinunzjaw ghall-mertu u t-talbiet ta' dik il-kawza filwaqt li l-konvenuta rrinunzjat ghall-kontro-talba taghha, u ghalhekk dik il-kawza giet fil-fatt differita biss ghal decizjoni dwar il-kap ta’ l-ispejjez.*

*Illi ladarba allura l-pendenza dwar il-mobbli mertu tal-istess rikors ma ghadhiex quddiem din il-Qorti stante l-imsemmija rinunzji tal-partijiet tat-talbiet taghhom fil-kawza*
*appena citata u dan konsegwenza anke ta' tranzazzjoni milhuqa bejn il-partijiet ahwa Magri, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tirrevoka contrario imperio d-*

*Digriet taghha tas-16 ta' Novembru 2000 fejn l-istess Albert Falzon Santucci gie nominat bhala konsenjatarju ta’ l-oggetti hemm indikati u dan peress li l-istess pendenza dwar il-mobbli ma ghadhiex aktar sub judice, u in vista tal-fatt li skond id-Digriet ta' din il-Qorti, kif fuq wkoll indikati, l-istess konsenjatarju qatt ma kien awtorizzat minnha sabiex jiehu jew izomm ic-cwievet tal-fond de quo fil-pussess tieghu izda biss sabiex skond l-istess Digriet tas-16 ta' Novembru 2000 johrog il-mobbli in kwistjoni mill-istess fond Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex, u jikkostudixxi l-istess, din il-Qorti filwaqt li tafferma li l-istess konsenjatarju qatt ma gie awtorizzat mill-imsemmija Digrieti ta' din il-Qorti milli jiehu u jew jzomm ic-cwievet tal-istess fond indikat fil-pussess tieghu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors tal-konvenuta tal-21 ta' Mejju 2002, stante li l-mertu ta’ l-istess kawza bejn il-partijiet fuq l-istess mobbli huwa llum ezawrit.”*

Illi ghalhekk in vista tal-premess gie degretat illi prevja li l-Qorti rrevokat *contrario imperio* tad-Digriet taghha datat 16 ta' Novembru 2000 fejn kienet innominat lil Albert Falzon Santucci bhala konsenjatarju ta’ l-oggetti mobbli mertu ta’ l-istess digriet kif wkoll l-ordnijiet l-ohra kollha konsegwenzjali ghal tali nomina tieghu bhala amminstratur ta’ l-istess mobbli, u in vista tat-tranzazzjoni milhuqa bejn il-partijiet fuq l-indikati mobbli, u r-rinunzja ta’ l-atturi ghall-mertu tal-kawza dwar il-mobbli u r-rinunzja tal-konvenuta ghall-kontro-talba kif verbalizzati fis-seduta ta’ l-10 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **“Onor. Mhallef Alberto Magri et vs Benny's Antiques Limited et”** (Cit. Nru 700/00/RCP), din il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess talbiet tar-rikorrenti fir-rikors taghha tal-21 ta' Mejju 2002.

Bl-ispejjez ta' dan id-Digriet jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Rat in-nota ta’ l-atturi tal-25 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha u bil-permess tal-Qorti pprezentaw l-anness

affidavit lill-Onor Imhallef Alberto Magri li jissostanzja fil-qosor it-talbiet attrici.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet ta’ l-attur tal-25 ta’ Gunju 2003 (fol. 398 sa 402 tal-process).

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2003 fejn Dr. Leslie Cuschieri ghall-konvenuta ta ruhu b’notifikat bin-nota t’osservazzjonijiet ta’ l-atturi u pprezenta dik responsiva tal-konvenuta b’kopja lill-kontro-parti. L-atturi talbu li jaghmlu replika. Il-Qorti laghet it-talba u ppref iggiet terminu ta’ erbghin jum lil kull parti ghar-repliki rispettivi.

Rat ir-replika ta’ l-atturi datata 7 t’Awissu 2003 ghan-nota t’osservazzjonijiet tal-konvenuta.

Rat il-verbali ta’ tranzazzjoni ta’ bejn il-partijiet tat-30 t’Ottubru 2003 fejn il-partijiet qablu li ghandhom jiltaqghu l-Hamis, 6 ta’ Novembru 2003 sabiex huma jmorru l-Bank of Valletta tan-Naxxar, jifthu s-*safe deposit box* u l-konvenuta tiehu l-gojjelli u d-dehbijiet li jintlibsu min-nisa. Kull haga ohra li hemm f’dan is-*safe deposit box* gie miftiehem li ghandha tibqa’ hemm. Kif il-konvenuta tirtira dawn il-gojjelli u d-dehbijiet hija ghandha tiffirma d-dokumenti necessarji sabiex jigu licenzjati mal-pulizija l-armi provenjenti mill-eredita’ ta’ l-Imhallef Edoardo Magri u ibnu Anthony Magri. Dan ghandu jsir sabiex tali armi ma jigux konfiskati mill-Pulizija b’dan li l-partijiet jaqblu li dawn l-armi huma proprjeta’ bejn l-erba’ ahwa, partijiet f’din il-kawza. Bl-ebda mod ma ghandu jiftiehem li xi parti f’din il-kawza odjerna trasferiet jew assenjat xi parti mill-istess armi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Novembru 2003 fejn il-partijiet u d-difensuri taghhom informaw lill-Qorti li dak li kellu jsir skond l-ahhar verbal sat-30 ta’ Ottubru 2003 fil-fatt sar. Il-Qorti f’dan l-istadju ghamlitha cara li hija ma tat l-ebda digriet dwar ic-cwievet tal-fond indikat. Id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li c-cwievet tal-grada u tal-bieb ta’ barra jinsabu ghand l-irkantatur Albert Santucci. Id-difensuri qablu li dwar is-*safe* li hemm fil-fond immobbli, kellu jsir appuntament sabiex ic-cwievet ta’ l-istess *safe* jigu rtirati

mill-bank, jibqghu sejrin fl-immobbli, tinfetah id-dar u jinfetah is-*safe* fil-prezenza tal-partijiet kollha, u jekk l-oggetti huma tad-deheb jew tal-hagar prezzjuz li jintlibes min-nisa, dawn ghandhom jigu kkonsenjati lill-konvenuta. L-oggetti l-ohra, kellu jsir inventarju taghhom, jithallew ghand l-irkantatur Santucci bi qbil bejn il-partijiet sabiex jigu divizi bejn l-erba' ahwa. Il-kawza giet differita sabiex dan jigi esegwit u l-partijiet huma kommessi li dan isir u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-14 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti giet informata li dak maqbul fid-19 ta' Novembru 2003 baqa' ma sarx u ghalhekk il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghall-4 ta' Marzu 2004.

Rat il-verbal tal-4 ta' Marzu 2004.

Rat il-verbal tal-25 ta` Mejju 2004 fejn il-Qorti giet infurmata li minn dak li kellu jsir fid-19 ta' Novembru 2003 xorta baqa' ma sar xejn u li c-cwievet qeghdin ghand is-Sur Santucci. Gie verbalizzat li bi qbil bejn il-partijiet dan ghandu jsir fit-2 ta' Gunju 2004 fl-4:30 p.m. b'dan li d-difensuri ghandhom jirritornaw ic-cwievet tad-dar minghand l-irkantatur u c-cwievet tas-*safe* minghand il-Bank of Valletta, Naxxar, liema cwievet kellhom jinzammu minn Dr. Leslie Cuschieri sakemm jinfetah l-imsemmi *safe*. Il-kawza giet differita ghal informazzjoni ulterjuri ghat-3 ta' Gunju 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2004 fejn il-partijiet indikaw lill-Qorti li dak indikat fl-ahhar verbal sar. Il-Qorti ordnat li jsir access bl-assistenza tal-Perit Valerio Schembri. Id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li f'dan l-istadju hemm xi pendenzi li difficli jissolvew. Il-partijiet qablu li fil-fond in kwistjoni baqa' biss zewg *safes* li c-cwievet ghalihom jinsabu ghand Dr. Leslie Cuschieri u li dawn ghandhom jaghtu l-kunsens taghhom biex jitnehhew minn hemm. In vista ta' dan il-Qorti ssospendiet l-access u n-nomina tal-perit tekniku bl-intiza li taghti lill-partijiet opportunita' ohra sabiex jitransigu l-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta` Gunju 2004 fejn Dr. Veronica Galea Debono ghall-atturi esebiet kopja ta' abbozz indikat bhala Dok. "AJM" sabiex tigi tranzatta l-kawza, kopja ta' liema abbozz intbaghtet lid-difensur tal-kontro-parti bil-ghan ta' tranzazzjoni. Dr. Leslie Cuschieri ghall-konvenuta rrileva li l-klijenta tieghu hadet konjizzjoni ta' l-abbozz appena pprezentat, u li l-oppozizzjoni taghha ghal tali kuntratt huwa l-fatt li b'hekk ha tibqa' pendenti u miftuha l-pendenza tal-ko-proprjeta' tal-gardina, bil-konsegwenza li hija tista' tigi ostakolata fl-uzu jew bejgh tal-fond proprjeta' taghha.

Rat il-verbal tas-6 t'Ottubru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2005 fejn Dr. Veronica Galea Debono ghall-atturi rrimettiet ruhha ghall-provi. Il-partijiet qablu li l-atturi huma ko-proprjetarji ta' parti mill-gardina retro-posta ghall-villa u li tista' tinghata sentenza f'dan is-sens. Intlahaq ftehim ukoll li ghall-istess porzjoni ghandu jkun hemm access ghal kull parti b'dan li l-konvenuta jkollha access esklussiv ghall-bini tal-villa. Filwaqt li kemm l-atturi u l-konvenuta ghandu jkollhom cavetta ghall-grada, il-konvenuta biss ghandu jkollha access ghad-dar. Il-partijiet ghandhom jinfurmaw lil Albert Falzon Santucci b'dan l-arrangament sabiex jirritorna c-cwievet. Dwar il-mobbli diga' sar qbil li gie nkorporat fis-sentenza tal-kawza konnessa gja' msemmija. L-atturi ddikjaraw li mhux jinsistu fuq ir-raba' talba. Id-difensuri trattaw il-kontro-talba u l-kawza giet differita ghal sentenza in difett'ostacolo ghat-30 ta' Gunju 2005.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi fic-citazzjoni attrici gie premess is-segwenti:-

(1) li l-atturi, flimkien mal-konvenuta, huma ko-proprjetarji, *pro indiviso,* tal-fond Villino Ardenza provenjenti mill-wirt tal-genituri taghhom;

(2) li l-atturi, flimkien mal-konvenuta, huma ko-proprjetarji tal-mobbli msemmija fl-istess citazzjoni;

(3) li kull wiehed mill-ko-proprjetarji ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjeta' kif ukoll li din ma tinbieghx minghajr il-kunsens tieghu; jew tigi rimossa minn fejn tinsab;

(4) li l-konvenuta qed tippretendi l-pussess esklussiv ta' din il-proprjeta' ad eskluzjoni ta' l-atturi, b'mod li mpediet l-access taghhom ghall-fond u ppretendiet li kellha dritt esklussiv fuq l-effetti mobbli – infatti huma allegaw li l-konvenuta ppruvat f'diversi okkazjonijiet tbiegh l-istess villa kif ukoll li ddisponiet minn diversi oggetti mobbli.

Illi ghalhekk huma talbu li jigi dikjarat li l-erbat ahwa huma ko-proprjetarji tal-Villino Ardenza u ta' l-affetti mobbli li jinsabu fl-istess fond, u li bhala tali kull wiehed minnhom ghandu dritt li jinqeda bl-istess proprjeta'. Ghalhekk qed jippretendu kopja tac-cwievet u mfietah tal-fond minghand il-konvenuta. *Inoltre* li jigi kkonfermat il-mandat ta' inibizzjoni li permezz tieghu l-konvenuta giet inibita milli tiddisponi mill-effetti mobbli li jinsabu fil-villa.

Illi l-konvenuta eccepiet li huwa minnu li l-effetti mobbli huma komuni izda hija ma aljenat xejn li hu komuni, u li hija kienet lesta tghaddi ghall-qsim ta' l-istess mobbli. Illi l-azzjoni li kellha tigi promossa mill-atturi kellha tkun ghall-qasma tal-wirt jew ta' divizjoni ghall-godiment. Hija eccepiet ukoll li ghar-rigward tal-mobbli seta' jigi mahtur sekwestratarju gudizzjarju ghall-kustodja ta' l-oggetti u b'hekk hija ma kenitx tigi mcahhda mit-tgawdija tal-fond Villino Ardenza meta huma m'ghandhom ebda titolu fuq dan il-fond. Infatti, fir-raba' eccezzjoni taghha sostniet li Villino Ardenza thalliet b'wirt lilha, *semmai* l-atturi ghandhom (flimkien maghha) jedd ta' tgawdija ta' l-art mhux zviluppata li tinsab fuq wara ta' Villino Ardenza. Rigward il-mandat kawtelatorju, dan huwa mertu tal-kawza 700/00/RCP, u din it-talba mhux ammissibbli peress li ma jistax jintalab hrug ta' mandat indefinit.

Illi l-konvenuta ressqet kontro-talba fejn talbet li (1) ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija lilha; (2) tordna lill-atturi sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti huma jikkonsenjaw lill-konvenuta d-deheb u oggetti prezjuzi kollha li ghandha t-testatrici li jintlibes minn nisa; (3) tordna li f'kaz li l-atturi ma jottemperawx ruhhom mat-tieni talba fil-konfront ta’ l-atturi; (4) tahtar nutar ghall-publikazzjoni ta’ l-att relattiv.

Illi l-atturi ressqu eccezzjoni ghal din il-kontro-talba u eccepew:-

(1) li l-kontro-talba hija irritwali u nulla *stante* m’hemmx konnessjoni bejn it-talbiet attrici u dawk tal-kontro-talba; (2) li peress li l-atturi ghandhom sehem indiviz minn Villino Ardenza l-ewwel talba rikonvenzjonali ma tistax tintlaqa’ qabel issir divizjoni; (3) il-gojjelli u oggetti prezjuzi dawn qeghdin *in parte* f’Villino Ardenza, u parti f’*safe-deposit box* ta’ bank u ghalhekk iridu jigu segwiti certi formalitajiet; (4) li t-talbiet rikonvenzjonali ma setghux isiru qabel issir divizjoni ta’ l-assi ereditarji intier tal-genituri tal-kontendenti; (5) li t-talba ghall-hrug ta’ mandat *in factum* m’ghandhiex tintlaqa’ ghax ma jezistux l-estremi tal-ligi biex isir hekk, u *se mai* dan isir wara li s-sentenza fuq it-talbiet l-ohra jghaddu in gudikat.

Illi ghal dak li tirrikwarda l-azzjoni attrici huwa relevanti testment datat 20 ta’ Frar 1998 li sar minn Gladys Magri, omm il-kontendenti, fejn fir-raba’ artikolu ta’ l-istess hija halliet b’titolu ta’ prelegat lil bintha Mariella Borg Magri s-segwenti:-

*“(1) il-Villa li ggib n-numru ghoxrin (20) jismiha ‘Villa Ardenza’ Sir Augustus Bartolo Street, Ta’ Xbiex, indikata f’imsemmi fit-tieni artikolu bhala soggett ghad-dritt ta’ abitazzjoni msemmi fl-istess artikolu.*

*It-testatrici qeghdha thalli dan il-prelegat lill-istess bintha Mariella bil-kundizzjoni illi hi tahfer kwalunkwe flus dovuti lilha skond kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ppubblikat fit-tlieta ta’ Frar tas-sena korrenti (3 ta’ Frar 1998), cjoe’*

*ma titlobx lil hutha l-imsemmi flus u tikkancella l-ipoteka naxxenti mill-istess kuntratt.*

*(2) id-deheb u oggetti prezzjuzi kollha li ghandha t-testatrici li jintlibes min-nisa. It-testatrici tiddikjara li taf li dan ma jappartjenix kollu lilha izda jappartjeni wkoll lil zewgha. Dan id-deheb u oggetti prezzjuzi kollha li jintlibsu min-nisa jinsabu fil-pussess ta' wliedha s-subien."*

*Inoltre* fis-sitt artikolu nnominat bhala unici eredi universali proprjetarji assoluti lill-erba' wliedha (kontendenti fil-kawza odjerna) fi kwoti ugwali bejnethom.

Illi jinghad li dwar l-effetti mobbli li kien hemm f'Villino Ardenza, il-partijiet iddikjaraw fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2005 li huma diga' qablu dwarhom fis-sentenza tal-kawza l-ohra, u fil-fatt din il-pendenza hija llum rizolta permezz tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet u li kien ukoll jifforma l-mertu tal-kawza bejn l-istess partijiet u terzi fl-ismijiet **"L-Onorevoli Mhallef Alberto Magri et vs Benny's Antiques Limited et"** (P.A. (RCP) deciza fil-15 ta' Mejju 2003. Dan gie kkonfermat anke b'diversi verbali quddiem din il-Qorti fejn l-istess partijiet ineffetti taw esekuzzjoni ghall-istess ftehim dwar il-qsim ta' l-immobbli.

Illi ghalhekk rigward id-deheb u oggetti prezzjuzi li jintlibsu min-nisa jirrizulta li m'ghadx hemm pendenzi dwarhom. Infatti fl-abbozzipprezentat mill-atturi fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2004 tnizzel is-segwenti (a fol. 421 tal-process):-

*"id-deheb u oggetti prezzjuzi li jintlibsu min-nisa, sew dawk li kienu jinsabu depozitati f'safe deposit box gewwa l-fergha tan-Naxxar tal-Bank of Valletta, hemm depozitati b'ordni ta' missier il-komparenti, kemm dawk li jinsabu depozitati fis-safes li hemm gewwa l-Villa fuq imsemmija, gew ikkonsenjati fl-intier taghhom lill-komparenti Mariella Borg Magri u li hi tiddikjara li hadithom in piena sodisfazzjon tal-legat imholli lilha minn omm il-kontendenti."*

Illi tibqa' ghalhekk il-kwistjoni dwar Villino Ardenza u l-gardina retroposta ghall-villa. Fil-verbal tas-seduta tat-13

ta’ Jannar 2005 gie dikjarat li l-partijiet jaqblu li l-atturi huma ko-proprjetarji ta’ parti mill-gardina retro-posta ghall-villa u tista’ tinghata sentenza f’dan is-sens.

Illi rigward il-Villa hemm pendenza fuq parti minnha ghaliex l-atturi jsostnu li huma ghandhom sehem, apparti mill-gnien, mill-parti estrema ta’ wara tal-istess fond inkwantu din l-estensjoni nbniet matul l-ezistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Fl-abbozz ipprezentat mill-atturi fi klawsola (f) (a fol. 384 tal-process) huma jippretendu li bhala eredi ta’ missierhom huma ntitolati fi kwoti ndaqs tal-kreditu tieghu kontra l-assi partikolari tal-mejta Gladys Magri ghall-ammont sborzat mill-istess Dr. Edoardo Magri bhala korrispettiv ghall-koncessjoni lil Gladys Magri biex din tkun tista’ tizviluppa dik il-parti tal-gnien tal-Villa taghha retropost ghall-istess villa tal-kejl ta’ 8.33q.k. u dan fl-ammont ta’ mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin, dsatax-il centezmu u zewg millezmi (Lm242.19,2). *Inoltre* l-istess atturi huma wkoll eredi fil-kreditu li sehem missierhom bhala kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti bejnu u martu ghandu ghall-ispejjez inkorsi fil-kostruzzjoni li saret wara l-kuntratt tas-27 ta’ Awissu 1962 meta sar tkabbir ta’ l-istess Villa Ardenza bil-bini li sehh f’dik il-parti tal-gnien hekk koncess mill-padrun dirett, liema kreditu ghad irid jigi determinat.

Illi dwar din il-kwistjoni dwar l-allegat kreditu pretiz mill-atturi jinghad li din il-Qorti mhix se tiehu konjizzjoni taghha *stante* li din ma tikkostitwix wahda mit-talbiet tac-citazzjoni attrici u ghalhekk effettivament tezorbita mit-talbiet tac-citazzjoni attrici. L-atturi fil-fatt fl-ewwel talba taghhom talbu li jigi dikjarat li huma proprjetarji ndivizi ta’ almenu parti mill-immobbli u ko-proprjetarji tal-mobbli. Ma talbu bl-ebda mod li jigu ddikjarati li huma kredituri ta’ dak minnhom allegat fl-istess nota u ghalhekk certament li din il-parti tal-pretensjonijiet attrici ma hijiex parti mid-diversi talbiet tac-citazzjoni attrici.

Illi dwar il-gardina retroposta ghall-Villino Ardenza jidher li l-partijiet jaqblu li huma ko-proprjetarji ta’ l-istess gardina li kienet akkwistata mill-genituri tal-partijiet b’kuntratt datat 27 ta’ Awissu 1962 fl-atti tan-Nutar Frank Xavier Dingli u

esebiet bhala Dok. “H” mac-citazzjoni attrici u fejn hemm indikat fl-istess kuntratt l-estensjoni ta’ l-istess gnien.

Illi ghalhekk fl-isfond ta’ dan kollu u in vista ta’ dak li jirrizulta fit-testment ta’ l-20 ta’ Frar 1998 ta’ omm il-kontendenti Glayds Magri jirrizulta li l-konvenuta hija l-legatarja tal-Villa Ardenza, Sir Augustus Bartolo Street, Ta’ Xbiex f’dik il-parti kollha li hija mibnija u wkoll f’dik il-parti tal-gardina (nofs indiviz ta’ l-istess gardina) li kienet tappartjeni lil ommha bhala kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ma’ zewgha l-Imhallef Edoardo Magri, filwaqt li l-partijiet huma wkoll ko-proprjetarji tan-nofs indiviz ta’ l-istess gardina bhala eredi tal-mejjet missierhom il-kompjant u l-Onorevoli Mhallef Edoardo Magri. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta’ dak li jiddisponi l-**artikolu 698 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u peress li mill-atti processwali jirrizulta li nofs biss l-imsemmija gardina deskritta fil-kuntratt tas-27 ta’ Awissu 1962 fl-atti tan-Nutar Frank Xavier Dingli u esebiet bhala Dok. “H” ma kinitx tappartjeni lil omm il-kontentendi, it-testatrici tat-testment ta’ l-20 ta’ Frar 1998 u ghalhekk *se mai* l-**artikolu 698 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** japplika biss ghall-porzjoni ta’ nofs indiviz ta’ l-istess art imsemmija fil-kuntratt appena citat, u liema gardina hija parti mill-Villa ndikata fid-dispozizzjoni testamentarja mhollija lill-konvenuta.

Illi ghalhekk a bazi ta’ dawn ir-rizultanzi u anke in vista ta’ dak dikjarat mill-partijiet f’diversi verbali quddiem din il-Qorti, jirrizulta li sakemm issir il-qasma u d-divizjoni ta’ l-assi ereditarji tal-genituri tal-partijiet, jidher li hemm qbil bejn l-istess partijiet li kull parti ghandu jkollha access ghal din l-imsemmija gardina llum formanti parti mill-fond ta’ l-imsemmija Villa Ardenza proprjeta’ tal-konvenuta, bhala legatarja ta’ l-istess u ghalhekk din il-Qorti ser tiddisponi mit-talbiet attrici limitatament fejn dawn jirrigwardaw dan il-punt dwar l-access ta’ l-atturi ghal din il-gardina, a bazi ta’ l-interess taghhom fl-istess bhala ko-proprjetarji ta’ porzjoni ndiviza mill-istess gardina, u dan anke fuq dak li l-partijiet stess ivverbalizzaw fl-istess imsemmi verbal taghhom tat-13 ta’ Jannar 2003, fis-sens li temporanjament u bi qbil bejn il-partijiet kif hekk verbalizzat huma jkollhom access ghall-istess gardina

mill-grada ta' barra ta' l-istess Villa, u dan flimkien mal-konvenuta. Dan billi kull parti f'din il-kawza jkollha cavetta ghall-istess grada ta' barra ta' l-istess Villa u jghaddu ghall-gardina bil-pass mid-*drive in* biss, b'dan li l-istess konvenuta jkollha access esklussiv ghall-istess villa (allura b'dan li l-atturi huma b'kull mod immaginabbli eskluzi minn kull access ghall-istess villa u bini) u b'mod li l-konvenuta ma ghandha tigi bl-ebda mod imfixkla mill-access u d-dritt taghha ta' tgawdija ta' l-istess villa u l-ambjenti taghha l-ohra kollha.

Illi dwar ir-raba' talba din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess *stante* li bil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2005, l-istess atturi ddikjaraw li ma humiex qed jinsistu fuq l-istess.

Illi dwar il-kontro-talba l-konvenuta talbet li l-Qorti tordna li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija lilha skond ir-raba' artikolu tat-testment t'ommha u in kwantu ghall-istess l-atturi preliminarjament eccepew in-nullita' u l-irritwalita' tal-kontro-talba billi din mhiex konnessa guridikament mat-talbiet attrici, u allura jmissha saret b'citazzjoni *ad hoc* ghax ma tinkwadrax ruhha taht il-parametri tad-dispozizzjoni tal-ligi.

Illi f'dan ir-rigward jinghad li l-**artikolu 396 tal-Kap 12** jiddisponi illi:-

*"Fil-kawzi, il-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif ser jinghad hawn taht:-*

*(a) meta il-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-attur; jew*

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha".*

Illi dan l-aspett gja' gie estensivament ikkonsidrat fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Paul Bezzina et vs**

**Eagle Beams Limited et"** deciza minn din il-Qorti fil-4 ta' Dicembru 1998, u qed issir riferenza ghal rakkolta ta' sentenzi hemm citati fl-istess decizjoni li kkonfermaw illi r-rekwisiti sabiex issir il-kontro-talba huma dawk enuncjati fis-sentenza **"Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin noe"** (P.A. (V.A.M) 24 ta' April 1930) u cjoe` li jkun hemm:-

*(a) la comunanza di origine delle due causi, ovverro*

*(b) la eliminazione reciproca delle due domande.*

Illi dan jissussisti meta *"le due domande emanano dallo stesso fatto, dallo stesso contratto o titolo"*.

Illi a skans ta' ripetizzjoni ssir referenza ghall-istess sentenza u l-gurisprudenza u l-insenjamenti hemmhekk imsemmija u wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **"John Aqulina vs Cettina Polidano et "** (P.A. (RCP) 29 ta' April 2004) u din il-Qorti tikkonferma l-istess.

Illi a bazi ta' l-istess principji jinghad li kemm l-azzjoni attrici kif ukoll il-kontro-talba huma bbazati fuq it-testment maghmul minn omm il-kontendenti, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet naxxenti minnu u minn drittijiet, attwali, prezunti jew allegati ta' ko-proprjeta' ta' immobbli u ghalhekk il-kontro-talba tinkwadra ruhha taht is-sub-artikolu **(a) ta' l-artikolu 396 tal-Kap. 16** ghax gejja mill-*'istess titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur'.* Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' l-atturi ghall-ewwel talba fil-kontro-talba hija michuda.

Illi rigward l-immissjoni fil-pussess ta' prelegat l-**artikolu 726 tal-Kodici Civili** espressament jiddisponi li *"l-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija b'legat."*

Illi in materja ta' immissjoni fil-pussess ta' prelegat u nkwantu ghal dak li jirrigwarda l-kawza odjerna, f'diversi sentenzi u fosthom fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju 2003, fil-kawza fl-ismijiet **"Alden Rose pro et noe et vs Pace Raphael"** tinghata

definizjoni ta' prelegat. F'din is-sentenza jinghad illi *"meta jkun aktar minn eredi wiehed id-decujus jista' jhalli lil wiehed oggett specjali bi preferenza fuq l-ohrajn, u dan jissejjah prelegat b'mod illi l-eredi preferit b'dan it-titolu bhala legatarju jakkwista dak biss li l-ko-eredi ghandhom jaghtuh u bhala eredi jakkwista dak li kien dovut lilu stess. "Meta kliem fit-testment huma cari, mhux lecitu li s-sens tieghu jitwessa jew jidjieq bi provi estrinsici, id-dispozzjoni trid tibqa' dik imfissra mill-kliem tat-testment. Anzi fil-kaz ta' konflitt bejn il-kliem u l-ispirtu tad-dispozizzjoni l-interpretu ma jridx jitbieghed mill-kliem uzat sabiex jibbaza ruhu fuq dak li hu jahseb li tkun l-intenzjoni tat-testatur jew tal-kontraenti, izda jkun hemm biss lok ghal tali interpretazzjoni fil-kaz li l-kliem ma jkunx car jew fih nniffsu jew meta mqabbel mal-kuntest kollu.*

*Meta legat ghandux jigi ammess jew eskluz, l-interpretazzjoni ghanda tkun favur il-legatarju, izda meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantita' tal-legat l-interpretazzjoni ghanda tkun favur l-eredi."* (*vide* **"Carmelo Said et vs Nutar Dr Giuseppe Cauchi"** – A.C. - 20 Ottubru 1958; **"Giovanna Carabott vs Generoso Carabott et"** – P.A. - 29 ta' Novembru 1947.

Illi f'sentenza ohra aktar ricenti fl-ismijiet **"Buhagiar John et vs Registratur tal-Qorti et"** (P.A. (N.C.) - 4 ta' Gunju 2004, jinghad illi *"il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jircievi l-haga mhollija lilu b'legat, izda ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi mal-mewt tad-decujus favur il-legatarju, u anke ad insaputa tieghu, il-pussess tal-legat huwa trasferit lill-eredi per modum continuationis u ghalhekk jehtieg it-talba tal-legatarju ghal pussess tal-legat. L-art 726 espressament jiddisponi li "il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija b`legat. Fil-gurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u pacifika."* (Appell Civili **"Maurice Busuttil vs Joseph Meli"** 1998 Vol LXXX11.11.674).

Illi f'sentenza ohra fil-kawza **"Ronaldo Wismayer vs Mario Wismayer"** (PA. (WH) (1946) Vol XXXIIC.11.264) il-Qorti osservat li meta l-legatarju jkun wiehed mill-istess

werrieta l-formalita' tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija dejjem mehtiega ghal porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-ko-eredi.

Illi fl-ahharnett fil-kawza fl-ismijiet **"Borg Agnes vs Zammit Charles et"** (P.A. (TM) – deciza fl-20 ta' Mejju 2004), jinghad illi *"il-fatt li l-legatarju jista' gja' jkollu l-pussess fiziku ta' wiehed mill-fondi ma jcahhdux mid-dritt li jitlob l-immissjoni fil-pussess formali, li trattandosi ta' hwejjeg immobbli trid issir b'att pubbliku. Inoltre l-fatt li saru diskussjonijiet bi skop li jintlahaq ftehim, ukoll ma jtellifx dan id-dritt. Il-fatt li xi wiehed mill-werrieta seta' ghamel xi xoghol fil-postijiet a spejjez tieghu, mhux relavanti ghall-fini ta' kawza fejn il-legatarju jitlob l-immissjoni fil-pussess u kwalunkwe xoghlijiet li setghu saru jekk saru, ma ghandux izomm il-legatarju milli jinghata l-pussess tal-legat."*

Illi dan il-prelegat jirrizulta fir-raba' artikolu tat-testment ta` omm il-kontendenti s-Sinjura Gladys Magri liema testament huwa esebit bhala Dok. "MB" – u liema testament igib id-data tal-20 ta' Frar 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius a fol. 377 tal-process. Dan l-artikolu jiddisponi testwalment illi:-

*"It-testatrici qed thalli b'titolu ta' prelegat lil bintha Mariella Borg Magri:-*

*1) Il-Villa li ggib in-numru (20) jisimha "Villa Ardenza" Sir Augustus Bartolo Street Ta' Xbiex indikata fl-imsemmi tieni artikolu bhala soggett ghad-dritt ta' abitazzjoni msemmi fl-istess artikolu.*

*It-testatrici qeghda thalli dan il-prelegat lil l-istess bintha Mariella bil-kundizzjoni illi hi tahfer kwalunkwe flus dovuti lilha skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat fit-3 ta' Frar tas-sena kurrenti (3/02/1998) cjoe' ma titlobx lil hutha l-imsemmi flus u tikkancella l-ipoteka naxxenti mill-istess kuntratt."*

Illi jirrizulta wkoll b'dispozizzjoni *ad hoc* il-prelegat li gej:-

*"(2) Id-deheb u oggetti prezzjuzi kollha li ghandha t-testatrici li jintlibes min-nisa. It-testatrici tiddikjara li taf li dan ma jappartjenix kollu lilha izda jappartjeni wkoll lill-zewgha. Dan id-deheb u oggetti prezzjuzi kollha li jintlibsu min-nisa jinsabu fil-pussess ta' wliedha s-subien".*

Illi fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2005 gie verbalizzat illi dwar il-mobbli l-partijiet diga' qablu fis-sentenza tal-kawza l-ohra Cit. Nru. 700/00 RCP u anke kif gie verbalizzat f'din il-kawza fejn in effetti l-istess partijiet taw esekuzzjoni ta' l-istess ftehim u tranzazzjoni ta' bejniethom. B'hekk dwar id-deheb u oggetti prezzjuzi li jintlibsu min-nisa dawn diga' gew ikkonsenjati lill-konvenuta.

Illi b'hekk din il-Qorti tilqa' l-ewwel talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha u tordna *inter alia* li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat, imholli lill-konvenuta, tal-Villa li ggib numru (20) li jisimha "Villa Ardenza", Sir Augustus Bartolo Str, Ta' Xbiex indikata fl-imsemmi tieni artikolu, u tal-mobbli hemm indikati, liema mobbli gja' jinsabu llum fil-pussess taghha in vista ta' dak verbalizzat f'din il-kawza.

Illi f'dan il-kuntest it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet ta' l-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuta huma michuda anke peress *stante* illi l-legatarju ghandu dritt jitlob li jigi immess fil-pussess tal-prelegat u l-formalita' tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija dejjem mehtiega ghall-porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-ko-eredi u dan ghaliex anke jekk il-legatarju jkollu l-pussess fiziku tal-legat ma jcahhdux mid-dritt li jitlob l-immissjoni fil-pussess formali li trattandosi wkoll ta' fond immobbli jrid isir b'att pubbliku.

Illi din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha peress li gie verbalizzat li fil-mori tal-kawza l-istess konvenuta hadet u nghatat pussess ta' l-istess.

Illi din il-Qorti tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha anke a bazi ta' dak premess fejn jidher li l-konvenuta gja' hadet fil-pussess taghha l-imsemmija mobbli ndikati fil-verbal

precedenti, u ghal kull *buon fini* jinghad ukoll li t-talba taghha ghall-hrug ta' mandat *in factum* hija regolata a bazi ta' dak li gie stabbilit u kkonfermat fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"G. Xuereb vs D. Xuereb"** (App.Civ.Nru: 807/1983/1 – 27 ta' Marzu 2003) fejn il-Qorti kkwotat minn sentenza moghtija minnha stess fit-2 ta' Lulju 1975 fl-ismijiet **"Anna mart Charles Bonnici et vs Vincenza xebba Camilleri et"** fejn inghad li:-

*"… nonostante certa oxxillazzjoni f'din il-gurisprudenza dik l-aktar segwita hi li l-mandat 'in factum' ma jistax jintalab ghall-esekuzzjoni ta' obligazzjoni 'di dare', anke jekk ordnata b'sentenza, imma jista' jintalab ghall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni 'di fare'. Kif gie deciz mill-Imhallef Dottor Giovanni Pullicino fl-ismijiet **"Pace Bonello vs Gatt"** (Koll. Vol. XVI,II,340) : 'Per la spedizione del mandato in factum e' necessario l'inadempimento di un fatto <u>personale</u> del debitore. L'obbligo di pagare una somma di denaro o di consegnare o depositare una <u>cosa</u> determinata, anche quando tale obbligo nasce da sentenze, consiste in una obbligazione di dare e il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di chiedere contro il debitore la spedizione del mandato in factum;*

*Illi din il-Qorti taqbel li l-obbligazzjoni ta' konsenja ta' 'haga' hi obbligazzjoni 'di dare' u mhux 'di fare' … u li ghalhekk f'kaz ta' obbligazzjoni ta' konsenja ta' 'haga' jidher pjuttost li ghandha tigi segwita l-gurisprudenza fuq imsemmija, ghalkemm lanqas ma jista' jinghad li l-kurrent l-iehor gurisprudenzjali hu traskurabbli."*

Illi apparti l-fatt li l-gojjelli gew ikkonsenjati lill-konvenuta u ghalhekk din il-Qorti ma tiehux aktar konjizzjoni ta' din it-talba, ghall-kompletezza jinghad li fi kwalunkwe kaz il-mandat *in factum* ma kienx applikabbli skond il-gurisprudenza ghall-kaz in kwistjoni. Dan ghax ikkonsenjar ta' xi haga huwa obbligazzjoni *'di dare'.*

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeċiedi** billi filwaqt tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deċiż jew ma' dak li l-partijiet qablu dwaru fit-tranżazzjoni milħuqa bejniethom, u dan anke fl-isfond tal-kawża l-oħra deċiża bejn il-partijiet fl-ismijiet **"L-Onorevoli Mħallef Alberto Magri et vs Benny's Antiques Limited et"** (P.A. (RCP) deċiża fil-15 ta' Mejju 2003), **tilqa' t-talbiet attriċi biss fis-sens hawn premess,** b'dan illi:-

1. Tilqa' biss *in parte* l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara li l-atturi, flimkien mal-konvenuta, huma ko-proprjetarji biss ta' porzjoni ndiviża tal-gardina retroposta għall-Villino Ardenza, 20, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex, bil-mod kif indikat iktar il-fuq f'din is-sentenza; dwar mobbli din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess *stante* tranżazzjoni milħuqa bejn il-partijiet kif jirriżulta mill-atti ta' din il-kawża u wkoll fil-kawża fl-ismijiet **"L-Onorevoli Mħallef Alberto Magri et vs Benny's Antiques Limited et"** (P.A. (RCP) deċiża fil-15 ta' Mejju 2003) u skond dak hemm indikat fl-istess sentenza a bażi tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet dwar l-istess mobbli ndikat ukoll kif ingħad f'dawn l-atti proċesswali. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-partijiet kif verbalizzat fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2005.

2. Tilqa' t-tieni talba biss fis-sens hawn fuq deċiż u ndikat u anke bi ftehim bejn il-partijiet kif diversi drabi verbalizzat fl-atti ta' din il-kawża, u dan fis-sens li sakemm issir il-qasma u d-diviżjoni ta' l-assi ereditarji tal-ġenituri tal-partijiet, jidher li hemm qbil bejn l-istess partijiet li kull parti għandu jkollha aċċess għal din l-imsemmija gardina llum formanti parti mill-fond ta' l-imsemmija Villa Ardenza proprjeta' tal-konvenuta, bħala legatarja ta' l-istess. Għalhekk din il-Qorti qed tiddisponi minn din it-talba attriċi limitatament fejn din tirrigwarda dan il-punt dwar l-aċċess ta' l-atturi għal din il-gardina, limitatament a bażi ta' l-interess tagħhom fl-istess bħala ko-proprjetarji ta' porzjoni ndiviża mill-istess gardina, (u dan anke fuq dak li l-partijiet stess ivverbalizzaw fl-istess imsemmi verbal tagħhom tat-13 ta' Jannar 2003), fis-sens li temporanjament u bi qbil

bejn il-partijiet kif hekk verbalizzat huma jkollhom access flimkien mal-konvenuta ghall-gardina mill-grada ta' barra ta' l-istess Villa, u dan billi kull parti f'din il-kawza jkollha cavetta ghall-istess grada u jghaddu biss ghall-gardina bil-pass mid-*drive in*. B'dan il-mod l-istess konvenuta jkollha access esklussiv ghall-istess villa (b'dan li l-atturi huma b'kull mod immaginabbli eskluzi minn kull access ghall-villa u bini) u b'mod li l-konvenuta ma ghandha bl-ebda mod tigi mfixkla mill-access u d-dritt taghha ta' tgawdija kompleta ta' l-istess villa u l-ambjenti taghha l-ohra kollha.

3. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li l-partijiet ghandhom jaraw li jkollhom access mill-istess grada tal-Villa ndikata bil-mod biss hawn deciz, b'dan li kull parti ghandha jkollha cavetta ghall-villa bil-mod kif fuq indikat. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tinnomina lill-Perit Valerio Schembri sabiex jissorvelja li jsir ix-xoghol kollu necessarju sabiex kull parti f'din il-kawza jkollha access ghall-istess grada limitatament ghall-iskop indikat, billi anke jsiru dawk ix-xoghlijiet kollha a spejjez ugwali bejn il-partijiet sabiex kull wiehed u wahda minnhom ikollhom kopja tac-cavetta tal-grada ta' barra ta' l-indikata Villa.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-atturi li saret fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2005 li mhux jinsistu fuq ir-raba' talba f'kaz ta' decizjoni.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba** tal-konvenuta, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-ewwel erbat eccezzjonijiet ta' l-atturi rikonvenzjonati fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghom ghall-kontro-talba tal-konvenuta u filwaqt li tilqa' l-hames eccezzjoni taghhom, u **filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha *stante* li l-stess llum giet tranzatta kif jirrizulta mill-atti processwali u mid-dikjarazzjonijiet tal-partijet f'din il-kawza u fil-kawza l-ohra bejn il-partijiet u terzi, li gja' saret riferenza ghaliha f'din is-sentenza, u filwaqt li tichad it-tielet**

**talba tal-kontro-talba tal-konvenuta, tilqa' l-ewwel u r-raba' talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha biss fis-sens hawn premess,** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba billi tordna li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat, imholli lill-konvenuta, tal-Villa li ggib numru (20) li jisimha "Villa Ardenza", Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex indikata fl-imsemmi tieni artikolu u dan fis-sens hawn fuq indikat.

(2) Tiddeciedi billi ma tiehux aktar konjizzjoni tat-tieni talba *stante* li fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2005 gie verbalizzat illi dwar il-mobbli il-partijiet diga' qablu fis-sentenza tal-kawza l-ohra Cit. Nru. 700/00 RCP. B'hekk dwar id-deheb u oggetti prezzjuzi li jintlibsu min-nisa dawn diga' gew ikkonsenjati lill-konvenuta kif allura hija stess iddikjarat fl-atti ta' din il-kawza.

(3) Tichad it-tielet talba *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u legalment insostenibbli kif gja' premess.

(4) Tilqa' r-raba' talba u tahtar lin-Nutar Mario Bugeja ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv u lil Dr. Richard Sladden u l-P.L. Edgar Montanaro ghall-eventwali kontumaci, u tiffissa bhala data, hin u lok id-data tas-27 ta' Lulju 2005 f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, l-Belt Valletta, fil-bini principali tal-Qorti fit-tieni sular ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess att ta' l-immissjoni fil-pussess ta' l-istess immobbli mill-eredi fuq il-konvenuta.

Bl-ispejjez ghandhom jinqasmu ghal nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------